# Il-Karnival fil-Gudja

# ...u sehem is-Soċjetà *La Stella*

Is-Soċjetà Filarmonika *La Stella,* tieħu sehem attiv fil-Karnival li jsir kull sena f'Malta. Bejn l-1971 u l-1984, il-Banda *La Stella* ħadet sehem għall-14-il sena wara xulxin f'dan il-Karnival fejn għal 4 darbiet wara xulxin hija ħadet l-ewwel premju fil-Marċi Grotteski. Dan kien unur kbir għal din il-Banda speċjalment meta wieħed jikkunsidra l-livell tal-Baned l-oħra li magħhom kienet qed tikkompeti l-Banda tagħna.

Illum fil-Karnival il-Banda baqgħet torganizza l-marċ tradizzjonali tagħha fit-toroq ewlenin tal-Gudja bil-bandisti lebsin il-kostum karnivalesk. Wara dan il-marċ saret tradizzjoni wkoll li tinżamm kompetizzjoni għall-aħjar kostum fost diversi kategoriji ta' tfal. Hawn nixtieq nirringrazzja lis-Sur Ino Bonello u s-sinjura tiegħu li b'paċenzja u b'għaqal professjonali iġġudikaw lil dawn il-kompetituri. Grazzi wkoll lid-ditta IMP - *International Motor Parts,* u lid-direttur tagħha is-Sur Hubert Agius talli sponsorjaw din il-kompetizzjoni.



**Il-Banda *La Stella* qed iddoqq l-ewwel darba f'Karnival fl-1954 fil-pjazza quddiem il-Każin La Stella.**

# Karnival 2000




Kompetituri bil-kostum tal-Karnival li ħadu sehem fil-kompetizzjoni għall-aħjar kostum din is-sena.




Il-President, is-Sur Salvu Mifsud, jippreżenta tifkira żgħira lir-Rappreżentant tad-Ditta IMP li sponsorjat il-Kompetizzjoni. Wara l-President jidher is-Sur Ino Bonello u s-Sinjura tiegħu li ġġudikaw il-kompetituri.